MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 11 ta' April 2022**

**Kumpilazzjoni numru 185/2022CG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah K. Zerafa)**

**Vs**

**Baba Bah**
**(Numru tal-Pulizija 18Q-88 u Permess ta' Residenza 9001883A)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Baba Bah** li ġie akkużat talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, kisru l-istess dispożizzjoni tal-liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Nhar id-9 ta' April 2022, għall-ħabta tas-siegħa nieqes kwart ta' waranofsinhar (12:45hrs) minn ġewwa Triq Għajn Dwieli, Raħal Ġdid, ikkommetta serq ta' basket, portmoney, flus, dokumenti, nuċċali u 'mobile phone' u/jew oġġetti oħra, minn vettura tal-għamla Toyota Aygo, bin-numru ta' reġistrazzjoni CUT 333, liema serq huwa aggravat bil-mezz, xorta tal-ħaġa misruqa, u valur, liema ammont ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' Maria Spiteri u/jew persuni oħra;

2. Kif ukoll talli fl-istess ġurnata, ċioè nhar id-9 ta' April 2022, għall-ħabta tan-nofsiegħa (12:30hrs) minn ġewwa Triq il-Qalb ta' Ġesu, Raħal Ġdid, ikkommetta serq ta' 'mobile phone' u/jew oġġetti oħra, minn vettura tal-għamla Ford Transit, bin-numru ta' reġistrazzjoni KBX 419, liema serq huwa aggravat bil-mezz, xorta tal-ħaġa misruqa, u valur, liema ammont ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' Dwayne Cassar u/jew persuni oħra;

3. U aktar talli għamel reat ieħor meta kien illiberat taħt kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor matul il-perjodu ta' sentejn, li din l-ordni ngħatat lilu nhar is-16 ta' Marzu 2022 mill-Maġistrat Dr. M. A. Farrugia.

4. U aktar talli rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata wara li l-Qorti tatu żmien jirrikonsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-pieni abbinati mar-reati in diżamina;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Il-Qorti, wara li semgħet l-ammissjoni u rat id-dokumenti esebiti, tqis li għalhekk dawn l-imputazzjonijiet ġew sodisfaċentement ippruvati.

Illi dwar il-piena, l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom qiegħed jinstab ħati l-imputat, il-fatt li dawn ir-reati seħħu fil-perjodu ta' sentenza ta' libertà kundizzjonata li ngħatat proprju ftit tal-ġimgħat ilu, u wkoll tal-fatt li mal-ewwel okkażjoni l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 289, 261 (b), (c) u (g), 263 (a), 271 (g) tal-Kodiċi Kriminali u artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat **Baba Bah** ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' tmintax (18)-il xahar priġunerija. Ai fini tat-tielet imputazzjoni il-Qorti qiegħda testendi l-perjodu ta' libertà kundizzjonata msemmi fis-sentenza tas-16 ta' Marzu 2022 għal perjodu ta' sentejn (2) mil-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur